DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/882

tat-18 ta' Ġunju 2018

dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jemenda l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/608 ([1]), li pprevediet estensjoni tal-validità tal-permessi nazzjonali ta' ċerti Palestinjani għad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri msemmijin fil-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK ([2]) għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar.

(2) Jenħtieġ li r-Repubblika ta' Ċipru tinżied mal-lista tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK.

(3) Abbażi ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK, il-Kunsill iqis li l-validità ta' dawk il-permessi tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK għandhom jestendu l-validità ta' permessi nazzjonali għad-dħul u s-soġġorn mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Pożizzjoni Komuni għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar, mill-31 ta' Jannar 2018.

Artikolu 2

Il-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Din il-Pożizzjoni Komuni tikkonċerna t-13-il Palestinjan li jappartjenu lill-grupp ta' Palestinjani li fir-rigward tagħhom intlaħaq Memorandum ta' Ftehim bejn l-Awtorità Palestinjana u l-Gvern tal-Iżrael mill-5 ta' Mejju 2002 dwar l-evakwazzjoni paċifika tal-Knisja tan-Natività ta' Betlem u li qablu li jiġu trasferiti temporanjament lejn, u li jiġu milqugħa minn, Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.";

(2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

It-13-il Palestinjan imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu milqugħa fuq bażi temporanja u esklużivament għal raġunijiet umanitarji mill-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju, il-Greċja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru u l-Portugall.".

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/608 tat-18 ta' April 2016 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 18).

([2]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/400/PESK tal-21 ta' Mejju 2002 dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 33; Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Volum 001 p. 287).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
R. PORODZANOV